



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ottubru 2018  
(OR. en)

13269/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0363 (NLE)**

---

**MAR 146**  
**TRANS 458**

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| data meta waslet: | 17 ta' Ottubru 2018                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| Nru dok. Cion:    | COM(2018) 707 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fil-qasam tan-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 707 final.

Mehmuż: COM(2018) 707 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.10.2018  
COM(2018) 707 final

2018/0363 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Ewropew għat-  
tfassil ta' Standards fil-qasam tan-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali  
għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards li jikkonċernaw  
ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI) tat-8 ta' Novembru 2018 u waqt il-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-istandards Ewropej li jistabbilixxu Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (l-istandard ES-TRIN 2019/1).

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Konvenzjoni Reveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu**

Il-Konvenzjoni Reveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tas-17 ta' Ottubru 1868 tiddefinixxi l-qafas ġuridiku li jirregola l-użu tax-xmara Renu bħala passaġġ fuq l-ilma intern għan-navigazzjoni u tistabbilixxi l-attribuzzjonijiet tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR). Il-verżjoni tal-Konvenzjoni li hija applikabbli attwalment kienet l-eżitu tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Novembru 1963, li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' April 1967.

Erba' Stati Membri (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands) u l-Iżvizzera llum huma partijiet għall-Konvenzjoni Reveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu.

#### **2.2. Is-CCNR u s-CESNI**

Is-CCNR hija organizzazzjoni internazzjonali li l-missjoni tagħha hija li timplimenta inizjattivi maħsuba biex jiggwarantixxu l-libertà tan-navigazzjoni fuq ir-Renu u biex jippromwovu n-navigazzjoni fuq ir-Renu. Il-laqgħat plenarji jsiru darbtejn fis-sena. Għalihom jattendu rappreżentanti tal-Istati Membri tas-CCNR. Il-laqgħa plenarja hija s-sede deċiżjonali tas-CCNR. Din tadotta r-risoluzzjonijiet tal-Kummissjoni Ċentrali. Kull Stat ikollu vot wieħed, u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'unanimità. Dawn ir-risoluzzjonijiet huma legalment vinkolanti. L-UE mhix membru tas-CCNR.

Fl-2015, is-CCNR adottat riżoluzzjoni li tistabbilixxi Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards komuni fil-qasam tan-navigazzjoni interna (Comité Européen pour l'Élaboration de Standards dans le Domaine de Navigation Intérieure – CESNI). Il-missjoni tiegħu tinkludi l-adozzjoni ta' standards tekniċi f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ, l-interpretazzjoni uniformi ta' dawn l-istandards u tal-proċeduri korrispondenti kif ukoll id-deliberazzjonijiet dwar is-sikurezza tan-navigazzjoni, il-ħarsien tal-ambjent jew oqsma oħra tan-navigazzjoni.

Is-CESNI huwa magħmul minn esperti li jirrappreżentaw lill-Istati Membri tas-CCNR u tal-UE li jkollhom dritt jivvotaw abbażi ta' vot wieħed għal kull Stat. L-UE mhix membru tas-CESNI. Madankollu, din tista' tiegħu sehem fil-ħidma tas-CESNI, flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li l-missjoni tagħhom tkopri l-oqsma kkonċernati mis-CESNI, iżda mingħajr dritt li tivvota.

### 2.3. L-att previst tas-CESNI u tas-CCNR

Fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Novembru 2018, is-CESNI jrid jadotta standards rigward l-istabbiliment ta' Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (l-istandard ES-TRIN 2019).

L-ewwel verżjoni tal-ES-TRIN (ES-TRIN 2015) ġiet iffinalizzata mis-CESNI fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Settembru 2015. Din ġiet adottata formalment mis-CESNI fil-laqgħa plenarja tiegħu tas-26 ta' Novembru 2015. L-ewwel standard ES-TRIN 2017 emendat ġie adottat mis-CESNI fil-laqgħa plenarja tiegħu tas-6 ta' Lulju 2017.

L-ES-TRIN jiġi aġġornat regolarment filwaqt li titqies ħidmet il-gruppi ta' ħidma tas-CESNI. L-aġġornament regolari tal-ES TRIN huwa meħtieġ biex:

- jinżamm il-livell għoli ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna
- tiġi segwita l-evoluzzjoni teknika (eż. is-sistemi tat-tifi tan-nar, it-tagħmir tan-navigazzjoni)
- tiġi żgurata l-kompatibbiltà mal-qafas ġuridiku tal-UE.

Matul l-2017 u l-2018, l-esperti tas-CESNI ħejjew l-istandard ES-TRIN 2019/1 emendat.

L-ES-TRIN 2019/1 jinkorpora diversi emendi, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-oqsma li ġejjin:

- id-defibrillaturi esterni awtomatizzati;
- is-sistemi tat-tifi tan-nar –  $K_2CO_3$ ;
- id-dispożizzjonijiet speċjali għas-sistemi tal-propulsjoni elettrika (il-Kapitolu 11);
- id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali:
  - għal-livell massimu ta' storbu,
  - għall-magni,
  - għat-tagħmir u għall-installazzjonijiet elettriċi,
  - għad-dgħajjes tal-bastiment,
  - għar-rotot ta' ħruġ mill-periklu fuq il-bastimenti tal-passiġġieri,
  - għas-sistema ta' propulsjoni tal-bastimenti tal-passiġġieri u
  - għat-tagħmir tas-sikurezza tal-paratija tal-gavun tal-poppa.

Waqt il-laqgħa tiegħu tal-10 ta' April 2018, is-CESNI ddeċieda li jiskeda l-adozzjoni tal-istandard ES-TRIN 2019 għal waqt il-laqgħa tat-8 ta' Novembru 2018. Qabel din il-laqgħa tat-8 ta' Novembru 2018, huwa mistenni li jsir biss xi tibdil żgħir u formali fl-abbozz ta' standard. L-istandard ES-TRIN 2019/1 se jiġi ppubblikat permezz ta' sit web iddedikat (cesni.eu). L-Istati Membri kollha tal-UE għandhom aċċess (protett) għall-abbozz ta' standards imsemmija hawn fuq.

L-istandard ES-TRIN 2019/1 se jiġi inkorporat fid-dritt tal-UE b'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE<sup>1</sup>.

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

L-istandards tekniċi adottati mis-CESNI huma inklużi fl-Anness II tad-Direttiva 2016/1629 u għandhom jiġu aġġornati permezz ta' atti delegati.

Huwa meħtieġ li jiġu pprovduti l-istess standards sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ reġimi ġuridiċi eżistenti għar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna (ir-Renu u l-UE). Kemm id-dritt tal-UE kif ukoll ir-Regolament tas-CCNR se jirreferu għall-ES-TRIN 2019/1 mill-1 ta' Jannar 2020.

### 3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Id-deċiżjoni – l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni – hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interessi tal-UE jiġu kkunsidrati b'mod adegwat meta jiġu adottati d-deċiżjonijiet rigward l-istabbiliment tal-istandards għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna.

L-aġġornament tal-istandard tekniku ES-TRIN ġie soġġett għal tħejjija intensiva fil-livell tal-esperti tas-CESNI. F'dan ir-rigward ġew ikkonsultati firxa kbira ta' esperti mis-settur pubbliku u privat. Matul l-iżvilupp tal-istandard saru dawn il-laqgħat tekniċi li ġejjin fil-livell tas-CESNI:

- il-laqgħat ta' hídma (21-22.02.2017; 28-29.06.2017; 27-28.09.2017; 28-30.11.2017; 20-22.02.2018) u
- l-laqgħa tal-Kumitat (10.04.2018).

Dawn il-laqgħat ippermettew li jintlaħaq ftehim fil-livell tal-esperti fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

### 4. BAŻI ĠURIDIKA

#### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

##### 4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”*.

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tas-sede jew parti għall-ftehim<sup>2</sup>.

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”*<sup>3</sup>.

##### 4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE, il-proċedura msemija fih trid tiġi rrispettata ladarba l-kundizzjonijiet previsti fih jiġu ssodisfati. Dawn il-kundizzjonijiet huma: (a) il-qasam rilevanti jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni, (b) il-pożizzjoni tal-Unjoni tiġi espressa f'sede stabbilita bi ftehim internazzjonali, meta dik is-sede tintalab tadotta (c) atti li

<sup>2</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

<sup>3</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

jkollhom effetti legali. Ġie ċarat permezz tal-ġurisprudenza li s-sħubija tal-Unjoni fis-sede rilevanti mhijiex prerekwiżit għall-applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Huwa evidenti f'dan il-każ li r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna mhux talli jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni talli, l-UE eżerċitat il-kompetenza tagħha permezz tad-Direttiva (UE) 2016/1629 u l-qasam tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna huwa rregolat fil-biċċa l-kbira tiegħu minn regoli komuni tal-Unjoni.

Kemm is-CESNI kif ukoll is-CCNR jissodisfaw it-tieni kriterju, peress li huma sedi stabbiliti skont ftehim internazzjonali.

Għalkemm ir-regoli adottati mis-CESNI mhumix vinkolanti fihom infushom, huwa ċar li dawn isiru vinkolanti għall-membri tas-CCNR ladarba s-CCNR timmodifika l-qafas leġislativ tagħha (ir-Regolamenti għall-ispezzjoni tal-Bastimenti fuq ir-Renu) b'referenza għall-istandard adottat mis-CESNI u li b'hekk dan l-istandard isir mandatorju fil-qafas tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Reveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu. Il-karattru vinkolanti ta' dan ir-Regolament fost il-membri tas-CCNR huwa stabbilit fil-Konvenzjoni ta' Mannheim tas-17 ta' Ottubru 1868<sup>4</sup>.

Barra minn hekk, huwa ċar ukoll mill-ġurisprudenza tal-QĠUE li att mhux vinkolanti ta' organizzazzjoni internazzjonali jista' jiġi kkunsidrat bħala "att li jkollu effetti legali" għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE kull meta dan l-att jista' jinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni. Kif spjegat hawn fuq, il-qafas applikabbli skont il-Konvenzjoni Reveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu għandu jitqies għal kwalunkwe emenda għad-Direttiva (UE) 2016/1629.

L-istandards tekniċi adottati mis-CESNI huma inklużi fl-Anness II tad-Direttiva 2016/1629 u għandhom jiġu aġġornati permezz ta' atti delegati.

Għalhekk, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fis-CESNI għall-adozzjoni ta' standards dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

### **4.2.1. Prinċipji**

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi b'mod prinċipali fuq l-għan u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tagħhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak prinċipali, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa skont l-għan jew il-komponent prinċipali jew predominanti.

### **4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti**

L-għan u l-kontenut prinċipali tal-atti previsti huma marbuta mal-politika komuni tat-trasport.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91(1).

<sup>4</sup> Il-Konvenzjoni Reveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tas-17 ta' Ottubru 1868, kif emendata fl-20 ta' Novembru 1963

### **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 91(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fil-qasam tan-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li l-azzjoni mill-Unjoni fis-settur tan-navigazzjoni interna jkollha l-għan li tiżgura l-uniformità fl-iżvilupp tar-rekwiżiti tekniċi applikati fl-Unjoni, fir-rigward ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jridu jiġu applikati fl-Unjoni.
- (2) Il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards komuni fil-qasam tan-navigazzjoni interna ("CESNI") ġie stabbilit fit-3 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tas-CCNR sabiex jiżviluppa standards tekniċi għall-passaġġi fuq l-ilma interni f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ.
- (3) Għal trasport effiċjenti fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni, huwa importanti li r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti jkunu kompatibbli u kemm jista' jkun ikunu armonizzati skont reġimi ġuridiċi differenti fl-Ewropa. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri li huma wkoll membri tas-CCNR ikunu awtorizzati jappoġġaw id-deċiżjonijiet li jarmonizzaw ir-regoli tas-CCNR ma' daww applikati fl-Unjoni.
- (4) Huwa mistenni li s-CESNI jadotta s-Standard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna ("l-istandard ES-TRIN") 2019/1 waqt il-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Novembru 2018.
- (5) L-istandard ES-TRIN 2019/1 jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi uniformi meħtieġa biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jinkludi dispożizzjonijiet rigward il-bini tal-bastimenti, l-armar u t-tagħmir għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, dispożizzjonijiet speċjali rigward kategoriji speċifiċi ta' bastimenti bħall-bastimenti tal-passiġġieri, il-konvojs imbuttati u l-bastimenti tal-kontejners, dispożizzjonijiet rigward it-tagħmir tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika, dispożizzjonijiet rigward l-identifikazzjoni tal-bastimenti, mudell ta' ċertifikati u reġistru, dispożizzjonijiet tranżizzjonali kif ukoll struzzjonijiet għall-applikazzjoni tal-istandard tekniku.

- (6) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> fl-Anness II tagħha tirreferi direttament għar-rekwiżiti tekniċi għall-inġenji bħala dawk mogħtija fl-istandard ES-TRIN 2017/1<sup>6</sup>. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li taġġorna din ir-referenza fl-Anness II, għall-iktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u li tistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni tagħha.
- (7) Għalhekk, l-istandard ES-TRIN 2019/1 se jaffettwa d-Direttiva (UE) 2016/1629.
- (8) L-Unjoni la hija membru tas-CCNR u lanqas tas-CESNI. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri biex f'dawk is-sedi jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-istandard ES-TRIN 2019/1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fil-qasam tan-Navigazzjoni Interna (CESNI) fit-8 ta' Novembru 2018 għandha tkun li jkun hemm qbil mal-adozzjoni tal-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna ("l-istandard ES-TRIN") 2019/1.
2. Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt il-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR), fejn jiġu deċiżi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna, għandha tkun li jiġu appoġġati l-proposti kollha li jallinjaw ir-rekwiżiti tekniċi ma' dawk tal-istandard ES-TRIN 2019/1.

#### *Artikolu 2*

1. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CESNI, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt.
2. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CCNR, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt.

#### *Artikolu 3*

Bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr Deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

#### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

<sup>5</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

<sup>6</sup> Kif emendat bid-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/970 tat-18 ta' April 2018 li temenda l-Annessi II, III u V tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 174, 10.7.2018, p. 15)

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*